**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**Julian Cuschieri**

**Kumpilazzjoni Numru: 1031/14**

**Illum, 24 ta' April, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Julian Cuschieri, detentur tal-karta tal-identità numru 482863M talli:-

Fil-lejl ta' bejn il-20 u il-21 ta' Ottubru 2014, gewwa Triq l-Inkurunazzjoni, Cospicua, ghal habta ta' nofs il-lejl nieqes kwart (2345hrs) u il-kwarta (0015hrs) ta' filghodu:

a) **Bil-hsieb li joqtol lil Stefano Caruana jew li jqieghdlu l-hajja tieghu f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Stefano Caruana jew igigblu disordni f'mohhu wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi xejjer diversi daqqiet b'sikiena, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;**

b) **Ukoll talli fl'istess lok, data hin u cirkustanzi ikkommetta offizi ta natura gravi fuq il-persuni ta' l-imsemmija Stefano Caruana;**

c) **Kif ukoll fl-istess lok, data hin u cirkustanzi, zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;**

d) **Ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi fil-hin li kienet qed jaghmel delitt kontra il-persuna ta' Stefano Caruana kellu fuq il-persuna tieghu xi**

**arma tan-nar, arma regolari, immitazzjoni ta' arma tan-nar jew immitazzjoni ta' arma regolari;**

**e) Kif ukoll talli gewwa Cospica u f'dawn il-gzejjer din id-data u sena qabel din id-data *kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina* specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-**

**Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

f) **Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigu mibdula;**

g) **U aktar talli l-istess imputat kiser il-provedimenti tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta;**

h **Kif ukoll talli gewwa Cospicua u f'dawn il-gzejjer din id-data u sena qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina**

Rat l-atti u d-dokumenti kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hdax (22) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikoli 41(1)(a) 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

**IKKUNSIDRAT**

Illi dawn il-proceduri jevolvu madwar it-tehid tad-droga fejn grupp ta' nies, fosthom l-imputat Julian Cuschieri u l-allegat vittma Stefano Caruana, tlewmu u minn dak l-argument garrab xi griehi l-istess Caruana. Illi dwar dan l-incident infethet inkjesta mill-Magistrat Carol Peralta li tinsab fl-atti.

Illi fl-istqarrija tal-imputat intqal minnu li dan kien gej ghalih Stefano Caruana sabiex jahbat ghalih u biex jiddefendi lilu nnifsu l-imputat qabad sikkina li kienet fl-abitazzjoni u tah daqqa. Illi din is-sikkina qatt ma nstabet fl-abitazzjoni li ma kinitx tal-imputat izda ta' certu wiehed jghidulu Anglu l-Pah.

Illi xehed **<u>Dr David Grima</u>** li kien ezamina lil Stefano Caruana mal-wasla tieghu l-emergenza fejn dan jghid illi dan kellu griehi gravi f'sidru minn oggett bil-ponta u kien hemm ukoll danni gravi fil-pulmun tant li tilef il-funzjoni tieghu. Illi jghid ukoll li l-allegat vittma kien f'xi hin fil-periklu tal-mewt ukoll.

Xhieda importanti hija dik ta' **<u>PS 1122 Arthur Rizzo</u>** fejn jghid illi saru jafu bl-incident ghaliex Christabelle Azzopardi, li tigi t-tfajla ta' Stefano Caruana u li kienet maghhom waqt l-incident, harget tghajjat barra t-triq li l-

gharus taghha kien imwegga'. Hija dak il-hin qalet lix-xhud illi dak li kien tah id-daqqa kien Gillu u cioè l-imputat u tghid illi tah daqqa b'mus li kien ghand l-istess imputat u fejn wara li Stefano Caruana pprova jiddefendi ruhu wara diversi tentattivi ta daqqiet bil-mus, dan irnexxielu jtih daqqa go sidru. Huwa jghid ukoll illi mit-testimonjanzi li gabar ezatt wara l-fatt irrizulta li l-persuni kollha prezenti kienu taht l-influwenza tad-droga kokaina izda l-imputat kien lahaq ma hax minnha. Jikkonferma wkoll illi l-mus ma nstabx. Illi rigward din l-arma mhux maghrufa u misjuba, xehdu wkoll ufficjali ohra tal-pulizija li kollha semmew li x-xhieda okulari semmew sikkina li ntuzat mhux mus.

Rat ir-rapport tal-espert mediko-legali **Dr Mario Scerri** fejn ikkonkluda s-segwenti:-

*"Wara li l-esponent acceda l-isptar Mater Dei fejn hemm huwa ezamina lil Stefano Caruana jikkonkludi illi:*

1. *Illi fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 t'Ottubru 2014, sehh incident f'residenza f'Bormla fejn* ***Stefano Caruana*** *spicca ddahhal l-isptar Mater Dei;*

2. *Illi d-dbengila deskritta fuq il-pectoral region tal-lemin kienet friska u kompatibbli ma' blunt trauma;*

3. *Illi l-lezjoni deskritta fuq l-aspett anterjuri fuq in-naha tal-lemin tas-sider kienet aktar fonda milli wiesgha u kienet kompatibbli ma' stab wound maghmula minn strument bil-ponta u li jaqta minn naha wahda;*

4. *Illi kien hemm evidenza ta' penetrazzjoni tal-kavita toracika;*

5. *Illi din il-lezjoni hija wahda ta' natura gravi izda **Stefano Caruana** ma kienx fil-periklu li jitlef hajtu."*

Esperti fl-inkjesta Magisterjali fi hdan il-Forensika u cioè PS 422 Neil Caruana u PC 1362 Jonas Schembri li kellhom il-kompitu li jiffotografaw ix-xena u xi oggetti rilevanti, hadu *samples* tad-demm minn fuq il-persuna ta' Angelus Vella maghruf bhala l-Pah kif ukoll ezaminaw il-hwejjeg li kien liebes l-allegat vittma Stefano Caruana u l-hwejjeg tal-imputat kollha dokumentati fir-rapport taghhom immarkat bhala Dok. NC1.

<u>**Dr Juliana Scerri Ferrante**</u> li kienet nominata fl-atti tal-inkjesta dwar dan il-fatt kienet semghet ix-xhieda ta' Stefano Caruana u ta' Christabelle Azzopardi. Quddiem din l-espert Stefano Caruana kkonferma li kienu ghand Anglu

l-Pah sabiex jaharqu l-*coke* u hemmhekk qam argument bejnu u bejn l-imputat u jghid illi dan imbuttah u hareg mus b'manku abjad li qabel kien qed jilghab bih u tah daqqa bih. Jghid illi wara din id-daqqa beda jispara d-demm izda dak il-hin l-imputat kien ghadu fuqu u jghidlu li ried joqtlu. Min-naha taghha Christabelle Azzopardi tikkonferma li qam argument bejn l-imputat u Stefano u bdew jitghajru izda a kuntrarju tal-gharus taghha, tghid illi Stefano mbotta lill-imputat fuq is-sufan u minn hemmhekk l-imputat hareg il-mus u beda jtih sakemm laqtu f'sidru. Tghid ukoll illi Anglu prova jferraqhom. Tikkonferma li l-mus kellu l-manku abjad u kien "imqammar". Tghid illi ma tafx fejn tefghu l-imputat dan il-mus.

Semghet ix-xhieda tal-**Ispizjar Godwin Sammut** bhala espert tossikologiku fejn dan ezamina esebiti misjuba fuq il-post fejn sar l-incident minn fuq pipa, *straws*, u flixkun u nstabet is-sustanza kokaina.

Rat l-atti ta' inkjesta dwar stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera tal-imputat odjern Julian Cuschieri rigward l-incident inkwistjoni relatat mad-droga fejn qal illi kemm-il darba kien jixtri l-kokaina minghand Angelus Vella kif ukoll il-lejl ta' qabel l-incident inkwistjoni kien hallas is-somma ta' ghoxrin ewro lil

Stefano Caruana. B'din l-istqarrija kienu ttiehdu passi kriminali fil-konfront ta' Angelus Vella.

Rat ukoll l-atti tal-inkjesta dwar xhieda guramentata ta' Stefano Caruana u Christabelle Azzopardi quddiem il-Magistrat Natasha Galea Sciberras rigward traffikar ta' droga mill-istess Angelus Vella u kkonfermaw li dawn kemm-il darba kienu xtraw id-droga minghand l-istess Angelus Vella.

Finalment xehed l-allegat vittma u cioé **Stefano Caruana** fejn mill-ewwel tax-xhieda tieghu jistqarr illi huwa jrid jahfer u li m'ghandu xejn kontra l-imputat. Jghid ukoll illi kien hu li kien ser jaghti daqqa ta' xafra lill-imputat, l-istess xafra li kienet intuzat sabiex tqaxxar il-flixkun u minn hemmhekk jghid li l-imputat niggzu. Ix-xhud jghid li niggzu bil-mus u x-xhieda tieghu prosegwiet billi jghid li ried jahfer u li l-imputat kien habib tieghu. Jghid ukoll illi dakinhar kien "*paranoid*" minhabba d-droga u ma kienx jaf x'qed jaghmel. Jghid ukoll illi huwa ghandu jaghti lill-imputat is-somma ta' mitejn ewro (€200).

Xehdet **Dr Marisa Cassar** li kienet ezaminat l-oggetti elevati mill-esperti tal-forensika ghat-tracci tad-demm u

tghid illi mill-hwejjeg elevati minn fuq l-imputat kien hemm xi tracci tad-demm kif ukoll fuq dawk ta' Angelus Vella.

Illi semghet ix-xhieda ta' **Angelus Vella** li xehed li dak il-hin tal-incident fid-dar tieghu kien qed jonxor il-hwejjeg fil-bitha u ma ra xejn x'gara izda jaf li l-imputat u Stefano kellhom argument.

Semghet ix-xhieda ta' **Christabelle Azzopardi** fejn ikkonfermat li sehh argument bejn l-gharus taghha u l-imputat fuq il-flixkun li kellu d-droga u tghid illi l-imputat tah daqqa ta' mus izda kemm niggzu.

**IKKUNSIDRAT**

Illi preliminarjament ma gewx ipprezentati l-ebda sentenza in sostenn tal-akkuzi sitta (6) u sebgha (7) fil-konfront tal-imputat u konsegwentement ma tistax tinstab htija a rigward dawn l-akkuzi.

Ugwalment jinghad a rigward l-akkuzi relatati mad-droga l-Avukat Generali fin-nota tieghu fejn elenka dawk l-Artikoli tal-Ligi li tahtha ghandha tinstab htija minn din il-Qorti kif komposta, dawk l-akkuzi kellhom jigu decizi mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali li tahtha jinstemghu kawzi ta' drogi

sommarji u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn l-akkuzi.

A rigward il-kumplament tal-akkuzi u cioè ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' Stefano Caruana, dawn jevolvu primarjament fuq ix-xhieda tal-istess allegat vittma, tal-gharusa tieghu kif ukoll ta' Angelus Vella.

Illi meta l-Qorti giet biex tezamina dawn ix-xhieda komparati mal-verzjonijiet moghtija *a tempo vergine* jirrizulta serje ta' inkongruwenzi. Min beda l-argument? Min taha l-ewwel daqqa? Min isemmi sikkina u min isemmi li gie uzat mus. L-allegat vittma tghid illi beda huwa l-argument l-ewwel u kien hu li xejjer xafra lejn l-imputat u dan kien biss iddefenda ruhu. Dak li hu cert hu li dawk kollha prezenti f'dik id-dar kienu kollha taht l-influwenza tad-droga kokaina, sustanza li giet ippruvata li kienet f'dak l-istess indirizz.

Illi di piu' u mid-dinamika tal-incident instabu tracci ta' demm sija fuq il-hwejjeg tal-imputat u anke fuq dawk ta' Angelus Vella izda dawn it-tracci qatt ma gew ikkomparati ma' xi DNA tal-allegat vittma. Inoltre din is-sikkina jew mus li allegatament intuzat sabiex jigi ferut Stefano Caruana qatt ma nstabet. Li taf din il-Qorti a rigward din l-allegat

arma hija mill-verzjoni *a tempo vergine* ta' Christabelle Azzopardi li tghid illi dan il-mus kellu l-manku abjad u kien "imqammar" izda bl-ebda mod ma gie fornut l-ebda informazzjoni ohra a rigward kemm kien twil dan il-mus u l-anqas ma gew ikkonfrontati minn ritratti ta' xi mwies varji sabiex forsi jaghrfu liema wiehed jixbah. Ghalhekk ma setax isir il-komparazzjoni jekk il-gerha li garrab l-allegat vittma kinitx kompatibbli ma' dak it-tip ta' mus.

Illi kkonfrontata b'dawn it-testimonjanzi kontrastanti tenut kont tal-influwenza tad-droga fuq il-persuni kollha involuti f'dan il-kaz u li m'hemm l-ebda prova ohra xjentifika jew cirkostanzjali, din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni oltre d-dubju dettat mil-ligi liema hi dik il-verzjoni l-aktar wahda kredibbli.

Illi l-Qorti ssib konfort f'dak li jistabbilixxi l-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

> *"L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' minghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba,*

*kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda oħra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz:".*

Illi in sostenn ta' dan f'tali sitwazzjoni ta' kunflitt, il-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn intqal li:

*"jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor."*

L-istess insenjament gie espress mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012 fejn intqal hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Il-Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet li "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx."*

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Julian Cuschieri** hati tal-akkuzi minn wiehed (1) sa erbgha (4), sitta (6) u sebgha (7) kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati

oltre d-dubju dettat mil-ligi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuzi numru hamsa (5) u tmienja (8).

________________________________________

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**